**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/2023

**Il-Ħamis 31 ta' Awwissu, 2023**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-1:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI**

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

10.1.1. Is-Sindku Dean Hili ippropopn li l-Kunsill jilqa' t-talba tal-Kunsillier Désirée Vella Brincat biex tkun skużata. Fl-istess waqt il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab kien assenti.

10.1.2. Il-Kunsillier Raymond Lanzon isskeonda.

10.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

### 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 09/K8/2023.

10.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K8/2023 kif ippreżentati.

10.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/4786/23/I** Email mingħand TM fejn bagħtu siteplan fejn huwa rrakkomandat li jsiru road humps fi Triq il-Mediterran.

**46/5201/23/I** Email mingħand is-Sindku fejn informa l-Kunsill l'issa l-Kunsill irid jara eżatt fejn ser isiru r-road humps qabel issir iż-żebgħa fl-art biex jiġi ridott l-abbuż.

**46/5299/23/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn talab li tiġi iffissata data għall-laqgħa mar-residenti.

10.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4786/23/I, 46/5201/23/I u 46/5299/23/I** fejn ippropona li din il-laqgħa għandha ssir nhar it-Tlieta 12 ta' Settembru fis-6:00pm, bit-tama li jkun hemm rappreżentanza qawwija mill-Kunsill.

10.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4970/23/I** Email mingħand persuna fejn baghtet ritratti ta' sit li qed jippronunu li jsiru Vending machines għall-klieb u l-qtates fi Triq Alamein biswit l-uffiċċju amministrattiv.

10.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4970/23/I** fejn irrefera għad-diskussjonijiet preċedenti dwar vending machines f'siti pubbliċi u ppropona li l-Kunsill jimxi fuq l-istess binarji u għalhekk jirrifjuta din it-talba.

10.3.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

**46/5081/23/I** Email mingħand l-MTA fejn talbu lill-Kunsill biex jinżebgħu l-kaxxi l-bojod fil-parkeġġ ta' Ġnien Pembroke.

**46/5392/23/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn informa l-Kunsill li minnaħa tiegħu jaqbel li jsiru l-linji ta' parkeġġ.

10.3.6 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5081/23/I u 46/5392/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill l-ewwel u qabel kollox għandu jinsisti mal-MTA biex tagħti lill-Kunsill linji gwida dwar id-drittijiet u r-responsabbilitajiet fuq l-istess sit, bl-intiża ċara li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni li jagħmel dan ix-xogħol kemm-il darba s-sit huwa wieħed pubbliku.

10.3.7 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5187/23/I** Email mingħand CE Installations fejn b'referenza għax-xogħol ta' trinka dwar il-permess RWP1-1122/23 talbu biex ikollhom risposta mill-aktar fiss possibbli.

10.3.9 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5187/23/I** fejn informa lill-Kunsill li t-talba kienet sabiex issir trinka li toħroġ minn wara l-binja tal-ex Raffles fi Triq Arnhem, tingħaqad ma' Triq Alamein u l'isfel lejn is-substation fl-istess Triq bisit Sprachcaffe. Il-kelliem żied li l-Kunsill diġa ltaqa' mal-kumpanija u ssuġġerixxa li jew joħroġ minn quddiem l-ex Raffles fi Triq Dun Ġużepp Farrugia u jingħaqad mas-substation tas-Swieqi issa la ser tkun maqlugħa t-Triq Sant'Andrija, liema soluzzjoni ma gietx aċċettata mill-Enemalta, altrimenti joħroġ xorta minn quddiem fi Triq Dun Ġużepp Farrugia u jaqta` lejn is-substation minn ħdejn il-*huts* fil-Park and Ride billi jaqsam biss Triq Alamein. Il-kelliem żied li b'hekk jiġi evitat ħafna mill-inkonvenjent. Finalment li kelliem żied li dan il-permess huwa sospiż fuq talba tal-Kunsill minħabba xogħlijiet oħrajn maġġuri fi Triq Sant'Andrija li tefgħu piż akbar fuq Triq Alamein u l-madwar. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova tali sospenzjoni.

10.3.10 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5190/23/I** Kwotazzjoni mingħand Global Insurance Brokers għall-Public Liability ghall-attivita' li ser issir fis-26 ta' Awwissu 2023 - Malta il-bieraħ u llum.

**46/5570/23/I** Kwotazzjoni mingħand MIB għall-Public Liability għall-attivita' li ser issir fis-26 ta' Awwissu 2023 - Malta il-bieraħ u llum.

**46/5230/23/I** Kwotazzjoni mingħand Kunsill Lokali Siggiewi għall-kiri ta' stalls għall-prezz ta' €150 + €50 depożitu li jingħata lura.

**46/5513/23/I** Kwotazzjoni mingħand Maltapost għal tqassim tal-fuljett tal-attivita' tas-26 ta' Awwissu.

10.3.12 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5190/23/I, 46/5570/23/I, 46/5230/23/I u 46/5513/23/I** fejn ippropona li jiġu ratifikati d-deċiżjonijiet meħudha mill-Kunsill bi tħejjija għall-attivita' fosthom li tintgħażel l-offerta ta' MIB, il-kiri mingħand il-Kunsill Lokali Siġġiewi kif ukoll tal-Maltapost plc.

10.3.13 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5195/23/I** Email mingħand Solidbase fejn bagħat iċ-ċertifikati tal-Core Testing li sar ta' Triq Luigi Billion.

10.3.15 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5195/23/I** fejn il-kelliem ippropona sabiex il-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill jevalwa dan ir-rapport fid-dawl tax-xogħlijiet li saru mill-ex kuntrattur tal-Kunsill.

10.3.16 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.17 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5271/23/I** Email mingħand GCS Malta fejn b'referenza għall-garanzija bankarja nforma l-Kunsill li qed jiġri wara l-bank minħabba li kellhom xi problemi fis-sistema minħabba l-qtugħ fil-provvista ta' dawl.

**46/5631/23/I** Email mingħand GCS Malta fejn bagħtu l-informazzjoni mitluba mill-Kunsill għat-tibdil fil-persuni fit-tender.

10.3.18 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5271/23/I u 46/5631/23/I** fejn ippropona li għalkemm il-Garanzija Bankarja waslet tard, din qed tiġi aċċettata inkluż li jinbidlu l-persuni li ser jagħmlu x-xogħol bil-proviso li jkunu kwalifikati (kif fil-fatt huma) u li ma jinbidlux tul il-perjodu tal-kuntratt sakemm ma jkunx hemm qbil mal-Kunsill.

10.3.19 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.20 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5284/23/I** Email mingħand il-CM fejn bagħat ritratt li hemm mera nieqsa fi Triq Martin Luther King.

10.3.21 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5284/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirrimpjazza din il-mera.

10.3.22 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.23 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5333/23/I** Email mingħand Galea Curmi fejn bagħtu l-proposta tagħhom għal dawl ġdid fuq barra tal-uffiċċju amministrattiv.

10.3.24 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5333/23/I** fejn ippropona li dak propost ma jidhirx li kompatibbli ma dak mixtieq, anke issa wara li sar l-upgrading tar-rampa u dħul tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob kjarifika kif qed jiġi propost li d-dawl jeħel mal-faċċata.

10.3.25 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.26 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5340/23/I** Email mingħand FES fejn talbu biex it-tabelli tal-ħin tal-iskola jiġu rranġati bil-ħinijiet ta' Summer School.

10.3.27 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5340/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibgħat din it-talba lil TM, basta t-tabelli jiġu rranġata minnaħa tagħhom.

10.3.28 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.29 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5384/23/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn talab isiru double yellow lines fit-triq li hemm tgħaqqad Triq Pietru D'Armenia minn bejn Ġnien Pembroke u l-pompi tad-dranaġġ, u dan ħalli l-passaġġ jibqa' vojt.

10.3.30 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5384/23/I** fejn irrefera għat-triq dejqa ħafna bejn il-pumping room ħdejn il-Pembroke Athleta u l-ammont ta' parkeġġ bl-addoċċ li jsir fl-akwata. Il-kelliem żied li mingħajr double yellow lines f'din l-akwata, f'każ t'emerġenza, ser ikun hemm problema biex jiġi aċċessat is-sit b'vetturi kbar, u għalhekk ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex isiru dawn il-marki tat-traffiku fuq iż-żewġ naħat tat-trejqa minn fejn jibdew il-padel courts sat-telgħa li hemm biswit il-pumping station.

10.3.31 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5385/23/I** Email mingħand CM fejn baghat ritratt ta' tabella li hemm bżonn tinbidel fejn l-iskola St. Michael.

10.3.33 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5385/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibdel din it-tabella.

10.3.34 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5388/23/I** Email mingħand ċiklist fejn bagħat xi osservazzjonijiet li għandhom isiru fi Triq Martin Luther King bħala sigurta' għal min isuq ir-rota.

10.3.36 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5388/23/I** fejn ippropona li din l-email tintbagħat lil TM għal parir tekniku tagħhom.

10.3.37 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5403/23/I** Email mingħand EPRT fejn bagħtu digriet għall-appell PAB 152/21 – kawża Luxol Sports Club li ser issir fl-10 ta' Ottubru 2023.

10.3.39 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5403/23/I** fejn għarraf lill-Kunsilliera sabiex tittieħed nota tad-data.

**46/5430/23/I** Email mingħand Enemalta fejn b'referenza ghall-email li bagħtna dwar wires antiki fi Triq Medjez u l-madwar informaw lill-Kunsill li sabiex is-sezzjoni tkun tista' tipproċedi b'dan ix-xogħol, iridu lista sħiħa tal-account numbers tad-djar kollha b'dan it-tip ta' wiring msemmija hawn taħt, flimkien ma' numru tal-mobile għal kull account number.

**46/5713/23/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn b'referenza għall-email tal-Enemalta dwar wires antiki fi Triq Medjez u l-madwar talab li l-Kunsill ikompli isewgi l-każ.

10.3.40 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5430/23/I u 46/5713/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibgħat ittra lir-residenti fit-triq

ikkonċernata bi stedina sabiex jibagħtu l-informazzjoni mitluba mill-Enemalta.

10.3.41 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5433/23/I** Email mingħand Seg. Parlamentari għall-Gvern Lokali fejn talbu sabiex ninnominaw żagħżugħ jew żagħżugħa bejn il-15 u l-25 sena sa nhar il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu 2023 għas-Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ marbuta mat-30 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali li ser issir il-Ġimgħa 22 ta' Settembru fid-9.00am.

**46/5578/23/I** Ċirkulari mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali numru 15 tal-2023 dwar Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ.

**46/5892/23/I** Email mingħand is-sur David Mallia fejn informa lill-Kunsill li mhux ser ikun jista' jieħu sehem għas-seduta parlamentari taż-żgħażagħ.

10.3.43 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5433/23/I, 46/5578/23/I u 46/5892/23/I** fejn informa lill-Kunsill li tentattivament tkellem ma' David Mallia li filwaqt li wera nteress, wara nforma lill-Kunsill li ma setax jattendi.

**46/5471/23/I** Applikazzjoni mingħand il-Malta Judo Federation ghall-permess PA 01216/23 - Malta Judo Federation - To construct an international judo training/competition center and M.J.F. (Malta Judo Federation) headquarters, incorporating minor alterations as previously approved in PA/05468/08.

10.3.44 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5471/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirrimarka li l-proġett għandu jaħseb għall-parkeġġ kollu tal-persuni li ser ikunu qiegħdin jaħdmu u jagħmlu użu mis-sit in vista tal-fatt li l-akwata diġa hija frekwentata minn diversi persuni/vetturi li huwa magħruf ukoll li ser jiżdiedu bil-faċilitajiet tat-Tennis li qiegħdin jinbnew. Il-kelliem żied li dan apparti l-fatt it-triq hija dejqa u għalhekk jeħtieġ li l-persuni li ser jiżdiedu fl-akwata jingħataw spazju adekwat fl-istess binja, u joġġezzjona minħabba li l-iżvilupp nofsu jinsab f'żona Natura2000 u li huwa previst li jkun għoli aktar minn 3 sulari. Il-Kunsill ma jaqbilx li l-faċċata tkun bricks.

10.3.45 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5504/23/I** Email mingħand PA fejn B'referenza ghall-applikazzjoni PA/03551/23 ta' San Patrizju informaw lill-Kunsill li għalissa l-applikazzjoni ġiet sospiża minħabba li ma ntbagħtitx l-informazzjoni mitluba.

**46/5524/23/I** Email mingħand Med Developers fejn b'referenza għal PA/03551/23 ta' San Patrizju nforma l-Kunsill li risposta ma laħaqx għamel minħabba li diversi entitajiet talbu ħafna affarijiet li riedu żmien biex isiru għalhekk talab għas-sospenzjoni tal-applikazzjoni, li hi prassi normali f' każijiet bħal dawn.

10.3.47 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5504/23/I u 46/5524/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitlob lill-Perit li jingħata data speċifika meta dan ix-xogħol ser ikun lest u għalhekk jingħata żmien xahar biex jikkonkludi dan ix-xogħol l'issa ilu pendenti żżejjed. Il-kelliem żied li bħal dan, ilu pendenti wkoll xogħol fuq rapport ieħor dwar Sit B li wkoll irid jiġi konkluż fi żmien xahar.

10.3.48 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5540/23/I** Email mingħand IM fejn talbu biex nibgħatu d-dokumenti fejn kien hemm ir-road humps fi Triq Juno, Triq Tunis u parti minn Triq William Harding, kif ukoll li li jekk mhux ser ikollhom kopja tal-approvazzjoni ta' TM, ir-road humps mhux ser isiru.

10.3.50 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5540/23/I** fejn ippropona li ġaladarba din ser tkun il-pożizzjoni ta' IM, jeħtieġ li jsiru l-applikazzjonijiet neċċessarji ma' TM.

10.3.51 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5577/23/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant fejn b'referenza għall-Espressjoni ta' Interess - Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex bagħtu d-dokument bl-informazzjoni u l-iskadenzi dwar din l-iskema.

10.3.53 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5577/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill iqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha li hemm bżonn biex ikun jista' jinħareġ it-tender. Il-kelliem żied li dak mitlub għandu jiġi provdut lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn xahar minn meta jiġi mitlub.

10.3.54 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.55 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5593/23/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant fejn informaw lill-Kunsill li l-Viċi Sindku mhux qed jattendi għall-laqgħat u qed jippruvaw jagħmlu kuntatt miegħu pero' għalxejn u jemmnu li tajjeb li jkun hemm rappreżentant mill-Kunsill għal dawn laqgħat.

10.3.56 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5593/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jissostitwixxi lill-Viċi Sindku Omar Elaref Arab billi l-Kunsill jinnomina bħala sostitut tas-Sindku fuq il-Kunsill reġjun Lvant, lill-Kunsillier Raymond Lanzon.

10.3.57 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.58 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5602/23/I** Email mingħand IM fejn b'referenza għall-Bus Shelter PEM16 (TM N°1863 - Manche) informaw lill-Kunsill li la darba ssir il-pagament u s-shifting IM tqabbad il-kuntrattur sabiex jibda x-xogħol meħtieġ.

10.3.59 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5602/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill isegwi din il-materja bil-ħsieb li dan ix-xogħol fuq il-

bankina jibda imminentement, inkluż li jiġi approvat il-ħlas lill-Faces għal dan il-bus shelter u oħrajn li hemm bżonn li jiċċaqilqu.

10.3.60 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.61 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5635/23/I** Email mingħand Department for Health Regulation fejn b'referenza għall-email tal-Kunsill biex jerġgħu jibdew laqghat tal-healthy eating talbet laqgħa mal-kunsillier Ray Lanzon u Segretarju Eżekutiv Kevin Borg.

10.3.62 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5635/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jerġa' jorganizza dawn id-diskussjonijiet inkluż li l-Kunsillier Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jiġu awtorizzata jkomplu bid-diskussjonijiet il-quddiem.

10.3.63 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.64 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5640/23/I** Email mingħand resident fejn talab isir żbir tal-planter tal-ħaxix li hemm fi Triq Profs. Jos. E Debono.

**46/5720/23/I** Email mingħand CM fejn b'referenza għaż-żbir tal-planter tal-ħaxix li hemm fi Triq Profs. Jos. E Debono nforma l-Kunsill li ser isir iż-żbir neċessarju u suġġerixxa l'issir mera fuq il-bankina faċċata ta' Stop sign.

10.3.65 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5640/23/I u 46/5720/23/I** fejn ippropona li jekk isir iż-żbir ma jara ebda lok l'issir mera, anke fid-dawl li t-triq u fejn hemm l-istop hemm ħafna wisa.

10.3.66 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.67 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5730/23/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant dwar il-Proġett Caritas Malta - Adolescent Pathways.

10.3.68 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5730/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirreġistra l-interess tiegħu f'dan il-programm.

10.3.69 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.70 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5744/23/I** Kwotazzjoni mingħand Pajka Blacksmith għall-arbli għall-prezz ta' €500 il-wieħed u sellum għall-aċċess għal fuq l-bejt għall-prezz ta' €1,200.

10.3.71 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5744/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jistenna stima oħra u eventwalment jagħżel l-irħas u li tkun tixraq mal-estetika tal-Kunsill.

10.3.72 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.73 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5764/23/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant dwar Region of Culture 2024, fejn talbu li l-Kunsill jipprovdi Contact point.

10.3.74 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5764/23/I** fejn informa lill-Kunsill li huwa kien attenda l-aħħar laqgħa tar-Reġjun fejn saret diskussjoni dwar dawn l-avvenimenti. Dwar kuntatt mal-Kunsill, il-kelliem ippropona li dan għandu jkun is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, anke fid-dawl li l-proġett ser ikun tul is-sena 2024, is-sena tal-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali.

10.3.75 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.76 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5804/23/I** Email mingħand LGD fejn b'referenza għal SPI/SCI/3/2023 - Espressjoni ta' Interess - The World Cleanup Campaign 2023 informaw lill-Kunsill li l-Bord ta' Evalwazzjoni approvaw it-talba tal-Kunsill.

10.3.77 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5804/23/I** fejn informa lill-Kunsill li l-NGO Żibel kien talbu biex l-attivita' tiġi posposta għall-15 ta' Settembru 2023. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

10.3.78 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.79 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5863/23/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjun Lvant fejn b'referenza għal Cir AKL 2023/045 LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal fejn bagħtu l-ammont globali kif ġew mqassma fondi.

10.3.80 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5863/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lir-Reġjun li jaqbel ma kif qed jiġi propost li jiġu allokata l-fondi.

10.3.81 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.82 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5890/23/I** Email mingħand Street Naming Committee fejn qed jissuġġerixxu li Triq li tinstab bejn Triq il-Profs. Walter Ganado, Pembroke u x-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan tingħata isem uffiċjali.

10.3.83 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5890/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproponi li din it-triq tingħata l-isem Triq San David u dan b'rabta mal-istorja tal-lokal u l-ġemellaġġi li l-Kunsill għandu ma' Pembroke Wales, li l-qaddis patrun tagħhom huwa San David.

10.3.84 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.85 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5961/23/I** Email mingħand Kamaja Outdoors fejn staqsew jekk il-Kunsill jistax għalissa jneħħi temporanjament il-vleġġa li tindika d-dawra tal-lemin mill-kumpless għal Triq Arnhem sakemm jitlestew ix-xogħlijiet.

10.3.86 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5961/23/I** fejn ippropona li Kamaja Outdoors jiġu infurmata li minħabba TMP li hemm konness ma' Triq Sant'Andrija, dak mitlub ma jistax isir.

10.3.87 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.88 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5966/23/I** Email mingħand Moviment Graffiti fejn informaw lill-Kunsill li l-każ ta' Ritrattazzjoni ta' DB huwa lest biex jitressaq il-Qorti u talbu konferma tal-parteċipazzjoni tal-Kunsill sa nhar it-Tnejn 28 t'Awwisu sad-9 ta' filgħodu.

10.3.89 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5966/23/I** fejn irrefera għall-laqgha li kellu mal-Avukat Claire Bonello u li għaliha flimkien miegħu attendew il-Kunsillier Désirée Vella Brincat, il-Kunsillier Charles Cesare, il-Kunsillier Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, flimkien ma' rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali San Ġiljan u Swieqi fejn kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali jipparteċipaw f'din il-kawża. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika tali deċiżjoni.

10.3.90 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Avukati Claire Bonello u Dean Hili infurmaw lill-dawk preżenti li abbażi tal-proċeduri li qed jiġu segwiti, la s-Segretarji Eżekuttiv u lanqas il-membri eletti ma' jistgħu jinbdew proċeduri legali kontrihom għal danni minn naħa ta' db Group.

10.3.91 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.92 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5927/23/I** Email mingħand CM fejn b'referenza għall-Ġnien Clifford Micallef informa lill-Kunsill li l-kuntrattur kien informah li l-ħaxix huwa kannella minħabba li fis-sajf jorqod.

10.3.93 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5927/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lil min għamel l-ilment b'dan.

10.3.94 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.95 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5977/23/I** Email mingħand CM fejn informa l-Kunsill li b'referenza għall-materjal li qed ikun hemm fejn il-BIS il-kuntrattur għandu jiġi nfurmat sabiex jibda idur is-sit kuljum.

10.3.96 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5977/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jikkunsidra dan meta jitfassal it-tender il-ġdid tal-knis.

10.3.97 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.98 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5987/23/I** Email mingħand resident jilmenta dwar it-telqa fi Triq Pietru D'Armenia u dwar il-Padel li jibdew jilgħabu kmieni.

10.3.99 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5987/23/I** fejn ippropona li dwar l-istat tal-landscaping għandu jiġi ordnat il-contracts manager jissorvelja x-xogħol, jinqata` l-ħaxix fejn hemm bżonn u ssir clean up tal-akwata inkluż b'litterpicking jekk ikun hemm bżonn. Dwar l-ilment fuq siġar tal-MTA, dan għandu jinġieb għall-attenzjoni tagħhom sabiex jaraw huwiex ġustifikat jew le, filwaqt li dwar il-ħinijiet tal-Padel għandu jiġi nformat is-sinjur li m'huwiex fil-limiti tal-awtorita` tal-Kunsill li jordna fi xħin jibda jopera s-sit u li jekk xejn għandu jikkomunika mal-Pulizija l-ilment tiegħu.

10.3.100 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.101 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5988/23/I** Email mingħand Zibel fejn bagħtu li ser issir Zibel Tribe Launch - Launch Partner fil-15 ta' Settembru 2023.

10.3.102 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5988/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba b'dan li ma jistax ma jirrimarkax li hemm il-possibilita` li dan il-kontenitur jattira skart ieħor imħallat u possibilment tkun ta' kulur differenti minn reċipjenti oħra ta' skart.

10.3.103 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.104 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6018/23/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn b'referenza għat-thawwil ta' siġar minn Project Green fi Triq G. Henin informa l-Kunsill li jaqbel li l-aħjar li jitħawwel huwa oleander għal ftit kulur għax it-tip ta' siġra ta' tamarisk ma tantx tiffolla.

10.3.105 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6018/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li jsiru siġar tal-oleander kif ukoll ringiela palm bħal ma hemm Triq il-Mediterran.

10.3.106 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.107 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.108 Il-Kunsillier Raymond Lanzon għamel referenza dwar il-magna tal-BCRS ta' Triq Madre Mergherita de Brincat, fejn ippropona li minħabba l-ħmieġ li qed jitħalla mill-kollettur inkluż ħġieġ, din għandha titneħħa.

10.3.109 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

10.3.110 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.111 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li wasal iż-żmien li jinbidlu l-litter bins u numru ta' dog bins li hawn fil-lokal.

10.3.112 Wara diskussjoni, is-Sindku Dean Hili ippropona li jinbeda l-proċess biex jinbidlu l-bins kollha tal-lokal u jkunu jissakru, inkluż li fejn huwa possibbli, jiżdiedu d-dog bins.

10.3.113 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.114 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.115 Il-Kunsillier Raymond Lanzon talab li Triq Manuel Buhagiar, ghandha bżonn patching urġenti.

10.3.116 Wara diskussjoni, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jitlob l-intervent ta' IM biex it-triq li jmiss issir fil-lokal għandha tkun Triq Manuel Buhagiar.

10.3.117 Il-Kunsillier Charles Cesare issekdona.

10.3.118 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.119 Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrefera għall-istorbju ġġenerat minn Sprachcaffe b'inkonvenjent kbir għar-residenti ta' Triq Giorgio Mitrovich.

10.3.120 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li hemm komunikazzjoni mal-entitajiet konċernata u l-Kunsill ma jistax jagħmel aktar milli qed jagħmel.

10.3.121 Wara diskussjoni, il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Community Police jorganizzaw laqgħa fil-Kunsill fejn jiġu mistiedna r-

residenti, il-management ta' Sprachcaffe u l-operatur li qed jorganizza l-attivitajiet biswit il-pool. (Dean Demanuele)

10.3.122 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.3.123 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.124 Il-Kunsillier Raymond Lanzon għamel referenza għall-kunċett tal-Berġa, staqsa jekk il-Kunsill jistax jerġa' jikteb lill-Ministru konċernat, u ppropona li jekk hemm bżonn it-talba tiġi eskalata.

10.3.125 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

10.3.126 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.127 Il-Kunsillier Raymond Lanzon għamel referenza għall-proġett propost ta' parkegg fil-Bajja ta' Pembroke, fejn staqsa jekk jistax ikun hemm ċaqlieqa forsi jsir.

10.3.128 Wara diskussjoni l-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa ma' Nature Trust Malta dwar dak li kien qed jiġi propost.

10.3.129 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

10.3.130 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.131 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li saret talba biex jintefa bowser ilma f'Juno Flats ghat-tisqijja.

10.3.132 Il-membri preżenti talbu li tinġieb aktar informazzjoni konkreta.

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

10.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 10.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

10.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 11/2023** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 09/K8/23 u 10/K8/23 **(Ara Dok 1)**

10.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 11/2023** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

10.5.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.6 Riżoluzzjoni speċjali 01/2023 – Biex tiġi emendata d-deċiżjoni dwar rimburzar ta' ħsarat f'vetturi.

10.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta Riżoluzzjoni speċjali 01/2023 – Biex tiġi emendata d-deċiżjoni dwar rimburzar ta' ħsarat f'vetturi, fejn ippropona li tiġi diskuss u approvata. **(Ara Dok. 2)**

10.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.7 Riżoluzzjoni speċjali 02/2023 – Biex tiġi emendata d-deċiżjoni dwar caravans/campers.

**46/5173/23/O** Email li Sindku Dean Hili bagħat lill-Ministru Owen Bonnici dwar ir-regolamenti l-ġodda tal-caravans u l-campers fejn informawh li ser terġa' tkun diskussa mal-Kunsilliera u jinformah bl-eżitu.

**46/5328/23/I** Email mingħand Med Developers fejn dwar il-posti għall-caravans/campers talab l-isir topographical site survey.

10.7.1 Is-Sindku Dean Hili Riżoluzzjoni speċjali 02/2023 – Biex tiġi emendata d-deċiżjoni dwar caravans/campers, fejn ippropona li tiġi diskussa u approvata. **(Ara Dok. 3)**

10.7.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.7.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5173/23/O u 46/5328/23/I** fejn ippropona li dan is-survey ma jsirx minħabba l-urġenza u l-pressjoni li hemm biex dawn jidħlu fis-seħħ. Il-kelliem żied li għandu jittieħed kejl u jiġu diviżi l-ispazji sabiex jakkomodaw tali vetturi – liema kejl faċilment jinstab online.

10.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrimarka li l-permessi ser ikunu jistgħu jinħarġu biss wara li jiġi mmarkat is-sit.

10.7.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.7.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.8 Ħruġ u tiġdid ta' offerti.

10.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li jinħarġu s-segwenti offerti:

- Street Sweeping Service in Pembroke using low emission transport
- Cleaning and clearing of Non Urban Roads in an environmentally friendly manner
- Cleaning clearing and grass cutting of Soft Areas in an environmentally friendly manner
- Professional Services of an Architect & Civil Engineer
- Tender for The Repairs and Reconstruction of Roads
- Upgrading tal-faċilitajiet sanitarji ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta;

10.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.8.4 Is-Sindku Dean Hili ippropona li jiġġeddu s-segwenti offerti:

- Upkeep maintenance and attendance of Public Conveniences
- Librara
- Maid Services

- Insurance Cover in an environmentally friendly manner

10.8.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.8.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.9 Is-servizz tal-Contracts Manager.

**46/5469/23/I** Email mingħand CM fejn bagħat l-informazzjoni dwar Storm water culverts.

**46/5886/23/I** Ittra mingħand l-avukat Mifsud & Mifsud Advocates fejn qed jikteb f'isem il-CM Ryan Cefai Mercieca b'referenza għall-email li bagħtlu l-Kunsill fejn ma sarx il-ħlas dovut lilu.

10.9.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5469/23/I** u **46/5886/23/I** ippropona li l-Kunsill jibgħata lill-avukat tal-Kunsill biex issir risposta.

10.9.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

10.10.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 4, 5, 6, 7 u 8)**

10.10.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat għajr tal-Yama Yami għax-xahar ta' Ġunju peress li s-superviżjoni mhux issir kif mistenni inkluż li ritratti mitluba tax-xogħlijiet li saru fl-aħħar ġimgħat, għadhom ma waslux.

10.10.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.10.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.11 Mozzjonijiet.

10.11.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 10.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.12.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għan-nuqqas t'attandenza għat-tielet laqgħa konsekuttiva tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab fejn ippropona li fid-dawl li ma kien qed jikkomunika b'ebda mod mal-Kunsill, il-Kunsill għandu jibgħatlu komunikat uffiċjali irreġistrat u s-suġġett jiġi trattat permezz ta' item fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

10.12.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.12.4 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-16:25pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Settembru 2023 fis-2:00pm.

**Konfermati, illum 27 ta' Settembru, 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 11/2023** **31 ta' Awwissu 2023**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 09/K8/23 u 10/K8/23

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 122 | 2023 | Air Clean | Tlabna isir service tal-AC's li għandu l-Kunsill. |
| 123 | 2023 | Alberta | Tlabna isir service tal-fire extinguishers li għandu l-Kunsill |
| 132 | 2023 | Mica Med | Tlabna jiġu rranġati l-lampi ta' Triq Pietro Rosselma ġenb il-parkeġġ li hemm faċċatta ta' l-ex ITS |
| 133 | 2023 | B. Grima and Sons | Tlabna biex issiru t-tabelli biex jitwaħlu fil-bandli ta' l-etajiet |
| 134 | 2023 | Mica Med | Tlabna biex tissewwa lampa Y046, Trejqet Pelaġju Mifsud |
| 135 | 2023 | Mica Med | Tlabna biex tissewwa lampa Y057, Trejqet Patri Odorik Grima |
| 136 | 2023 | Mica Med | Tlabna biex tissewwa lampa Y058, Trejqet Patri Odorik Grima |
| 137 | 2023 | Mica Med | Tlabna biex tissewwa lampa Y057 Trejqet Patri Odorik Grima |
| 138 | 2023 | Maltapost Plc | Tqassim tal-flyers door 2 door |
| 140 | 2023 | Joseph Demicoli | Tlabna biex jingħata spetaklu waqt is-serata Malta l-Bieraħ u llum |
| 141 | 2023 | Mica Med | Lampa Y217 biex jigi rrngat larblu |
| 142 | 2023 | Mica Med | Lampa L089 Triq Giorgio Mitrovich biex tigi rangata lampa |
| 143 | 2023 | J&K Contractors | Tlabna biex jigi rranġat il-pilastru ta' Triq Pietru D'armenia quddiem blokka ta' A11 |
| 144 | 2023 | Faces Display Ltd | Tlabna biex issir jiċċaqilqu 3 bus shelters fil-lokal Triq Sant Andrija, Profs Walter Ganado u Triq Gabriele Henin |
| 145 | 2023 | MIB Ltd. | Insurance policy għall-attivita ta' 26 t'Awwissu, 2023 għall-prezz ta' €350 |
| 146 | 2023 | LESA | Tlabna biex jkollna żewġ uffiċjala għas-26 t'Awwissu għall-prezz ta' €210 vat inkluż |

PEMBROKE

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

| | | | |
|---|---|---|---|
| 147 | 2023 | DOI | Tlabna jintwerra avviż fuq il-gazzetta fit-22 t'Awwissu li mhux ser jkun permess li jsir parkeġġ ta' vetturi u inġenji oħra minn 12:00pm sa 12:00am |
| 148 | 2023 | Mica Med | Lampa R017 Triq Pietru D'armenia biex tissewwa |
| 149 | 2023 | Galea Cleaning Solutions | Tlabna biex issir tindif tal-culvert u tindif neċċesarrju u tbattil tal-bins li ser jkun hemm fuq il-post l-għada ta' l-attivita |
| 150 | 2023 | J & K Contractors Ltd | Il-Kunsill talab biex jinġabru outdoor ground fixed percussion exhibits mill-Esplora u jiġu nstallata fil-Ġnien Madre Tereża ta' Kalkutta |
| 151 | 2023 | Mica Med | Tlabna biex issir lampa W069 ġewwa Triq Gio Felice Inglot |
| 152 | 2023 | Mica Med | Tlabna tiġi rranġata lampa Y143 fi Triq Giuseppe M. Letard |
| 153 | 2023 | Mica Med | Tlabna jiġu rranġata lampi fil-Ġnien Clifford Micallef |
| 154 | 2023 | Mica Med | Tlabna tiġi rranġata lampa W053 fi Triq Dun Amabile Sisner |
| 155 | 2023 | Mica Med | Tlabna tiġi rranġata lampa Y082 fi Triq Tobruk |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

## Riżoluzzjoni Speċjali – 01/2023 ippreżentata nhar il-23/08/2023

**Proposta mis-Sindku Dean Hili** ______________

**Issekondata mill-Kunsillier Charles Cesare** ______________

**Issekondata mill-Kunsillier Raymond Lanzon** ______________

# Suġġett : Rimbors ta' spejjez fuq ħsarat ta' tyers

Is-Sindku Dr Dean Hili filwaqt li jagħmel referenza għall-Minuti ta' laqghat preċedenti fejn b'rabta ma' diversi talbiet il-Kunsill iddecieda li ma jħallas l-ebda minn tali talbiet peress illi l-ħsarat ikkaġunati kienu lkoll relatati ma' ħsarat f'siti li tħallew miftuħa minn kuntrattur li l-Kunsill ħass li għandu jkun huwa li jassumi r-responsabbilita` għal tali ħsarat, qiegħed iressaq din il-mozzjoni bl-intiża li jiġu sorvolati tali talbiet bi proposta li titressaq għand dawk il-persuni li għamlu talbiet simili, liema proposta tirrispetta d-drittijiet taċ-ċittadin u fl-istess waqt tissalvagwardja l-interessi tal-Kunsill Lokali.

F'dan is-sens qiegħed jiġi propost illi l-Kunsill Lokali mingħajr ammissjoni ta' tort, proviżorjament jilqa` t-talbiet għal rimbors ta' spejjeż b'rabta ma' ħsarat fuq tyres f'siti li tħallew miftuħa mill-kuntrattur inkarigat mix-xogħlijiet, bi tnaqqis ta' 25% diprezzament.

Dan b'riżerva għad-drittijiet tal-istess Kunsill Lokali li jitlob lura tali ħlasijiet lill-kuntrattur imsemmi.

Kunsill Lokali Pembroke
24 AUG 2023



46/5962/23/1

Għalhekk qed nipproponu li tiġi kkanċellata d-deċiżjoni tal-Kunsill meħuda nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2023 f'laqgħa riferenza Minuti 07/K8/2023 - 07.3.7 minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija.

**Data : 23 ta' Awwissu 2023** **Ħin : 10:00**

**Mozzjoni diskussa illum** 31/08/ **2023 waqt Laqgħa Numru 10/K8/2023**

## Votazzjoni

**Favur :** 3 **Kontra :** / **Astenzjonijiet :** /

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

## Riżoluzzjoni Speċjali – 02/2023 ippreżentata nhar il-23/08/2023

**Proposta mis-Sindku Dean Hili** ______________

**Issekondata mill-Kunsillier Charles Cesare** ______________

**Issekondata mill-Kunsillier Raymond Lanzon** ______________

# Suġġett : Parkeġġi allokati lill-caravans/campers

Is-Sindku Dr Dean Hili filwaqt li jagħmel referenza għall-minuti ta' laqgħat preċedenti fejn b'rabta ma' diversi talbiet għall-ħruġ ta' permessi għall-parkeġġ ta' caravans/campers in linea mal-emendi l-ġodda fil-liġi l-Kunsill iddeċieda li ma joħroġ l-ebda permess, qiegħed iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni bl-intiża li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi ċċarata.

L-ewwel u qabel kollox qiegħed jiġi ppreċiżat illi kif ukoll intqal fil-mezzi soċjali u siti tal-aħbarijiet, il-pożizzjoni tal-Kunsill aktar minn xejn aktar hija mnebħa mill-fatt li sfortunatament huwa s-sentiment tal-Kunsill li spiss qiegħed jitħalla waħdu meta jiġi biex jenforza l-liġijiet u dan m'għandux ikun – sew b'rispett lejn ċittadini oħrajn, li f'dan il-każ partikolari wkoll għandhom id-dritt li jaċċessaw ix-xatt u l-parkeġġi qrib il-bajjiet, u kif ukoll b'rispett lejn operaturi oħrajn ta' caravans/campers li jkunu ħalsu l-permessi u jippretendu li min ma jkunx in regola, isofri l-konsegwenzi legali.

Huwa għalhekk essenzjali f'soċjeta` li tiffunzjona li wieħed jistenna liċ-ċittadini jottemporaw ruħhom mal-liġijiet, u min jirrifjuta li jagħmel dan, iħallas ta' għemilu.

Kunsill Lokali Pembroke
24 AUG 2023



46/5963/23/1

F'dan il-kuntest il-Kunsill Lokali qiegħed jilqa` l-ispirtu tal-liġi u jalloka spazji li jidhru mmarkati fis-site plan annessa ma din il-mozzjoni għall-użu tal-parkeġġi tal-campers/caravans, liema spazji jkunu mmarkati b'parking bays appożiti li jiġu nnumerati, u allokati lill-operaturi li jħalsu l-permessi skond il-liġi.




Il-Kunsill minn issa jagħmilha ċara li qiegħed jirriżerva d-dritt tiegħu li jirrevedi l-pożizzjoni kemm-il darba ma jsibx l-ispalla li jippretendi li jsib mill-forzi tal-ordni, f'każ li jintilef il-kontroll fuq din is-sistema.

**Data : 23 ta' Awwissu 2023** **Ħin : 10:00**

**Mozzjoni diskussa illum** 31/08/ **2023 waqt Laqgħa Numru 10/K8/2023**

## Votazzjoni

**Favur :** 3 **Kontra :** — **Astenzjonijiet :** —